Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 16/2016/1

**Thomas Smith Insurance Agents Limited bħala aġenta ta' GasanMamo Insurance Ltd u l-istess GasanMamo Insurance Ltd kif surrogata fil-polza u bil-liġi fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Francis Vella u l-istess Francis Vella (appellanti)**

**Vs**

**Transport Malta u Water Services Corporation (appellati)**

12 ta' Lulju, 2019.

1. B'deċiżjoni tal-24 ta' Mejju, 2016 it-Tribunal tal-Arbitraġġ laqa' eċċezzjoni li ma kellux ġurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeċiedi l-każ li kellu quddiemu. Il-każ jitratta dwar ħsara li saret fil-vettura HAS 381, proprjeta tal-attur Vella. L-atturi jsostnu li l-ħsara saret minħabba li fil-31 ta' Ottubru, 2011 meta l-vettura kienet qegħda tinstaq fi Triq il-Mosta, laqtet tappiera li kienet merfugħa minn postha u li ma kien hemm l-ebda sinjal lix-xufiera sabiex igħarrafhom b'dak l-ostakolu fit-triq.

2. It-Tribunal tal-Arbitraġġ laqa' l-eċċezzjoni li ma kellux kompetenza fuq dak li ntqal minn din il-qorti fis-sentenza **Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Ltd** tat-23 ta' Ottubru, 2009. Każ li kien jitratta tiġrif ta' ħajt fuq vettura. Il-qorti qalet li l-arbitraġġ mandatorju ma kienx japplika. Filwaqt li għamlet riferenza għal dik il-parti tal-Att dwar l-Arbitraġġ li titratta l-arbitraġġi mandatorji, qalet:

   *".... mill-istess intestazzjoni tas-subparagrafu 1.2, il-kontroversja li l-legislatur jirrizerva b'mod mandatorju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kawzali ma' incidenti tat-traffiku li jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali. Il-kaz tat-tigrif ta' hajt fuq vettura stazzjonarja minghajr dik il-konnessjoni mhi wiehed minn dawn. Sewwa għalhekk irraġuna t-Tribunal illi* ***dak ikkontemplat mil-liġi hija ħsara kaġonata bl-intervent ta' vettura u mhux ħsara li tista' sseħħ fuq vettura****, hi x'inhi l-fonti tagħha".*

3. Il-fatti ta' dak il-każ kienu differenti mill-każ in eżami għaliex il-ħsara saret fuq vettura li kienet wieqfa.

4. It-Titlu ta' paragrafu 1.2 ta' Taqsima A tal-Iskeda numru 4 hu **Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Muturi.** Skont din il-parti tal-Iskeda, għandu jsir arbitraġġ mandatorju dwar tilwima ċivili jew kummerċjali, li ma jkunx ikollha x'taqsam ma' talba għad-danni għall-ħsara fil-persuna, u toriġina minn:

   *"(a) kolliżjoni bejn vetturi, jew*

   *(b)* ***ħsara involontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vetturi****".*

5. Il-każ tal-lum hu dwar inċident tat-traffiku li seħħ waqt li kienet qegħda tinstaq il-vettura fit-triq. Għalhekk paragrafu (a) żgur li ma japplikax.

6. Din il-qorti kif illum presjeduta diġa kellha każ simili għal dak tal-lum (**Argus Insurance Agencies Limited nomine et vs Kunsill Lokali Naxxar**, 29.7.2016). F'dak il-każ l-atturi ħarrku lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar għad-danni li saru fuq vettura meta għaddiet minn ħofra li kien hemm fi Triq ir-Ramla, Naxxar. F'dak il-każ din il-qorti addottat l-insenjament tas-sentenza li ssemmiet hawn fuq.

7. Fid-deċiżjoni tat-Tribunal, intqal:

   *"L-Arbitru sottofirmat hu tal-fehma illi s-subartikolu 1.2(b) jirreferi speċifikament għall-ħsara li tiġi kawżata fi kwalunkwe proprjeta' bl-involviment jew aġenzija (agency) ta' xi vettura, fi kliem ieħor meta tiġi kawżata ħsara fil-proprjeta permezz ta' vettura jew aħjar meta vettura tkun strumentali biex tiġi kawżata ħsara involontarja fil-proprjeta".*

8. Fir-rikors tal-appell l-atturi argumentaw li l-kliem *"ħsara involontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vetturi"* ma kinux qegħdin jirreferu biss għall-każijiet fejn il-ħsara involontarja saret minn vetturi. Komplew:

   *"Kieku l-leġislatur ried jagħmel din il-limitazzjoni, kien juża terminoloġija differenti minn dik attwalment użata. Għalhekk, neċessarjament, dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għal xenarju fejn il-ħsara in kwistjoni tiġi kkaġunata fuq vettura".*

9. Il-qorti ma tistax taqbel mar-raġunament tal-atturi. Il-kliem f'paragrafu (b) jagħtu wieħed x'jifhem dak li qalet din il-qorti fis-sentenza **Middlesea Insurance plc et vs Gevimida Ltd.**

**Għaldaqstant, tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-atturi.**

Anthony Ellul.